Isla
Città Invicta

**Kunsill Lokali Isla**
Ufficcju Amministrattiv, 2/4, Triq San Guzepp, Isla ISL 1229
Tel: 00356 21662424 / 27013004
e-mail: isla.lc@gov.mt website: www.islalocalcouncil.com

# Rapport Annwali

# Amministrattiv

Jannar – Diċembru 2024

Werrej

**1. Introduzzjoni** .......... 3
**2. Il-Kunsill** .......... 3
Il-Kunsill .......... 3
Organizzazzjoni .......... 4
L-Amministrazzjoni tal-Kunsill .......... 5
**3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali** .......... 6
Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali .......... 6
Xogħol u manuntenzjonijiet .......... 7
Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv .......... 12

# 1. Introduzzjoni

Sinjuri residenti,

Inġbarna illum 17 ta' Diċembru 2024 fis-sala tal-kunsill sabiex flimkien inħarsu lura fuq sena ta' xogħol. Bil-limitazzjonijiet li għandu l-kunsill, il-kunsill irnexxilu jżomm il-bilanċ tajjeb billi jġib il-bżonnijiet tar-residenti l-ewwel għalhekk ser nirrevedu in-numru ta' xogħolijiet li saru matul is-sena 2024 li ma kienux ftit, mhux biss ix-xogħol ma kienx ftit iżda anke l-isfidi.

Irid ikun hemm għaqal kbir sabiex il-kunsill ikun jista' jwettaq xi proġetti għaliex il-fondi allokati mill-fond pubbliku jservu biss għall-ispejjeż ta' kuljum għalhekk il-kunsill iqiegħed l-ewwel il-prijoritajiet tal-lokal iżda din is-sena il-kunsill irnexxilu jikseb diversi skemi fejn dawn setgħu jgħinu l-kunsill sabiex iwettqu l-proġetti li kienu ppjanati u ser jagħmel minn kollox sabiex jinvesti fl-assi tal-kunsill.

# 2. Il-Kunsill

### *Il-Kunsill*

L-Isla hija belt b'popolazzjoni ta' madwar 3000 persuna. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Isla huwa kompost minn ħames kunsilliera. L-Elezzjoni li għaddiet f' Ġunju 2024 ġew eletti għal-għaxar leġislatura, Sindku is-Sur Clive Pulis u Viċi-Sindku s-Sur Anthony Bonavia u tliet kunsilliera - is-Sinj. Joline Attard, is-Sur Malcolm Gatt u is-Sinj. Corinne Buhagiar .

Fis-sena 2023 il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet immexxija mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Graziella Gellel, megħjuna mill-iskrivana is-Sinjura Rita Baldacchino u l- iskrivan mill-Community Workers Scheme is-Sur Sven Formosa. Din is-sena ingħaqdet mal-Kunsill Lokali s-Sinj. Adeil Delia mill-kumpanija ta' Community Workers sabiex jaħdmu fl-amministrazzjoni minflok s-Sa. Dorianne Gerada. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Gellel tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu permezz li tikko-ordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi iffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## *Organizzazzjoni*

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:



## *L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

**Tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kif ġej:**

Is-Sinjura Graziella Gellel Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani fejn tat il-ħidma tagħha mal-kunsill tal-Isla bħala segretarju eżekuttiv minn Diċembru 2016 sa llum.

Is-Sinjura Rita Baldacchino Skrivana – Responsabbli mill- fatturi, prova ta' pagamenti, irċevuti fiskali u skeda ta' pagamenti, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju. Is-Sur Sven Formosa responsabli minn ġbir ta' kwotazzjonijiet u ħidma relatata mal-Iskema ta' Norway Grants u rutina tal-uffiċċju. Is-Sinj Dorianne Gerada responsabli għar-relazzjonijiet mar-residenti, ġbir tal-lista tal-bulky refuse, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju li minn Novembru 2024 dan l-irwol ser tibda tieħu is-Sa. Adeil Deloa u is-Sinj. Dinah Agius responsabli ta' posta, relazzjonijiet mar-residenti, ġbir tal-lista tal-bulky refuse, ħlas ta' permessi, ċitazzjoijiet, kirjiet u rutina tal-uffiċċju. Is-Sur Christopher Portelli ħaddiem tal-Ex Enemalta huwa ix-xufier mal-kunsill Lokali tal-Isla fejn isuq il-van tal-kunsill għal bżonnijiet tar-residenti kemm dawk mediċi kif ukol soċjali waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. Is-Sur Martin Vassallo ħaddiem tal-Community Workers li ingħaqad mal-Kunsill tal-Isla f'Settembru 2024 fejn qed jieħu ħsieb l-indafa u l-ftuħ u l-għeluq tal-Gardjola.

**Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

- Is-Sur Nathan Bonello - CMWS
- Is-Sur Sven Formosa -CMWS
- Is-Sinj. Rita Scicluna -CMWS
- Ivan Fava - CMWS
- Michael Azzopardi -CMWS
- Is-Sur Joseph Rizzo – CMWS
- Is-Sa. Dinah Agius – CMWS
- Is-Sa. Adeil Delia – CMWS ingħaqdet mal-Kunsill tal-Isla f' Novembru 2024
- Is-Sur. Martin Vassallo – CMWS ingħaqad mal-Kunsill tal-Isla
- Is-Sur Christopher Portelli – Ex Enemalta ingħaqad mal-Kunsill tal-Isla

# 3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali*

**Id-Dħul**

| | 2024 | 2025 |
|---|---|---|
| Mill-Gvern Ċentrali | €426,173 | € 430,000 |
| Minn Bye-Laws | € 46,092 | € 40,000 |
| Minn Dħul Ġenerali | € 12,804 | € 11,225 |
| Total ta' | € 485,070 | €481,225 |

**Infieq**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku, Allowances, Pagi u taxxi tas-sigurta soċjali | € 95,406 |
| Spejjez ta' manuntenzjonijiet u servizzi | € 250,980 |
| Spejjez ta' amministrazzjoni | € 86,014 |
| Deprezzament tal-Assi Kapitali | € 30,200 |
| **Total ta'** | € 462,600 |

**Bilanċ ta'** €18,625

## *Xogħol u manuntenzjonijiet*

### Xogħol permezz ta' ħaddiema assenjati

Matul l-2024, permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill Lokali għandu assenjati miegħu, il-Kunsill Lokali irnexxielu jżomm aktar l-indafa fil-lettrini pubbliċi u żied aktar fin-nefqa tal-indafa għall-letrini pubbliċi u l-Ġnien tal-Gardjola u l-madwar. Il-ħaddiema tal-Kunsill is-Sur Ivan Fava, flimkien mas-Sur Michael Azzopardi u s-Sur Joseph Rizzo żebgħu sinjali tat-toroq. Il-Ħaddiema tar-Reġjun ikunu assenjati mal-kunsill tal-Isla għall-xahrejn fis-sena u dawn idduru l-bankini. Il-Ħaddiema tat-turiżmu daru iż-żebgħa tal-bankijiet tax-xatt u l-kunsill jiprovdi ż-żebgħa u materjal ieħro. Hekk kif il-ħaddiema tat-turiżmu kienu ser idduru t-taraġ ta' Triq il-Miġja tal-Papa raw li dan qed ikompli jixpakka minn max-xibka għalhekk il-kunsill ġab rapport mill-perit tal-kunsill fejn għamel rapport aktar dettaljat tax-xogħol li jrid issir minn kuntratturi fil-qasam ta' dan ix-xogħol għalhekk il-kunsill talab li l-fondi li kienu riżervati għall-Triq il-Ponta peress li x-xogħol għadu lura, minħabba xogħolijiet li jridu jsiru minn taħt it-triq u mhux issir il-wiċċ tat-triq imbgħad ikollha terġa tinqala', dawn il-fondi jmorru għall-manutenzjoni tat-taraġ ta' Triq il-Miġja tal-Papa u l-Belveder ta' l-istess triq li tiġi fuq il-Bust J.B. Azopardo.

### Indafa

Il-Kunsill bħall kull sena iqabbad kuntrattur privat sabiex jitnaddfu l-culverts sabiex jiprapara dawn it-tappieri għal meta tagħmel ix-xita.

Il-Kunsill Lokali tal-Isla jaqa' taħt il-kappa tar-Reġjun Port, għalkemm ir-responsabilita' li jinġabar l-iskart domestiku huwa taħt ir-Reġjun, il-kunsilli lokali għandhom id-dmir li jirrapurtaw in-nuqassijiet li jseħħu fil-lokal, il-pagament ta' dan is-servizz għadu jinħareġ mill-kunsilli lokali li jkun pagabli lir-Reġjun sabiex jitħallas il-kuntrattur mir-Reġjun. Ir-responsabilita tal-ġabra tal-iskart mid-djar hija taħt ir-responsabilta tar-Reġjuni mis-sena li għaddiet u jidher li ftit li xejn qed joħroġu l-borża mhux fil-ġurnata t-tajba. Ta' dan il-kunsill jirringrazzja lir-residenti tal-Isla tal-koperazzjoni u dawk il-ftit li baqa' li ma joħrġux il-borża tal-iskart tagħhom fil-ġurnata inkomplu niġbdulhom l-attenzjoni u jekk l-istess individwu jibqa' jagħmel l-istess ma jkunx hemm għażla oħra imma li jiġi imħarrek.

Fil-31 t' Awissu 2024, il-Kunsill lokali ħa sehem fil-World Clean Up Day fejn attendew residenti lokali , kif ukoll residenti barranin sabiex tinżamm il-Belt tal-Isla nadifa, ta' dan il-kunsill applika għall-skema mehdija mill-Gvern Ċentrali fejn ingħata 1500 ewro. Il-Kun-sill jirringrazzja lir-residenti tal-ħidma volontarja tagħhom.

**Attivitajiet u korsijiet**

Il-Kunsill Lokali tal-Isla ipparteċipa wkoll flimkien mal-grupp tal-crafts fil-kompetizzjoni tal-European Waste Reduction fejn inksew bottijiet tal-plastic bil-ħidma tal-indejn minn materjal tas-suf sabiex jiġu reċiklati u jintużaw bħal kontenituri biex jiġu stivati l-lapsijiet, kuluri, pnizzel eċċ. Il-grupp tal-crafts qed jaħdmu ħafna xogħol bl-idejn bħal kutri tas-suf u basktijiet mill-materjal tas-suf li baqa' mil-materjal li inħadmet is-siġra tal-Milied u l-Bajda tal-Għid bis-suf, id-donazzjonijiet li qed jingħataw lil kunsill għall dan ix-xogħol qed jiġu wżati għall-atttivitajiet jew ħarġiet li l-kunsill jiprogramma matul is-sena. Il-grupp tal-crafts ħadmu oġġetti żgħar sabiex iqassmu tifkira tal-Milied 2024 lil Kap tal-iskola u l-għalliema, l-istaff u lil-istudenti tal- iskola primarja Kuleġġ Santa Margerita L-Isla.

Il-Kunsill Lokali tal-Isla qassam bieb bieb diversi ċirkularijiet tal-avviżi li jkunu qed issiru fil-lokal u fis-sala tal-kunsill.

Din is-sena saru diversi korsijiet kemm għall-anzjani, adultiu żgħażagġ. Saru korisjiet mill-Fita sabiex l-anzjani jiġu aktar magħrfa fid-dinja tat-teknoloġija. Saru attivitajiet bil-VR Sets għaż-żgħażagħ u diskussjonijiet ma l-anzjani dwar diversi suġġetti interesanti bħas-saħħa, penzjonijiet, soċjali u aktar.

**Tabelli u Sinjali tat-Toroq**

Matul l-2024 il-Kunsill Lokali kompla l-ħidma ma Infrastructure Malta, Transport Malta, Water Service Corporation, Enemalta, Go plc u Melita plc sabiex jitkompla x-xogħol fid-daħla tal-Isla u fuq il-Forti San Mikiel. Issa x-xogħol tal-Forti San Mikiel wasal fil final u għalhekk ser tintuża għal-ewwel darba din is-sala sabiex issir il-festin tal-Milied għat-tfal.

Il-Kunsill ordna diversi tabelli ta' ismijiet tat-toroq li kellhom bżonn jinbidlu minħabba xi ħsara li inqalgħu fuq dawn it-tabelli.

**Transport Malta**

Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal diversi laqgħat sabiex it-traffiku speċjalment fis-Sajf jiġi ikkontrolat aktar minħabb l-influs ta' nies li jiġu jżuru l-Belt tal-Isla speċjalment sabiex jiġu jgawdu l-veduti tal-Isla waqt li jieklu xi ikla tajba minn xi wieħed mir-restoranti li hawn f' din il-Belt turistika. Il-permessi inħarġu kollha mill-entitajiet sabiex il-kuntrattur li ingħata l-kuntrat għal-Smart Road Technology jibda x-xogħol u b'hekk il-pjan li fi tmiem il-ġimgħa ix-xatt tal-Isla jiġi pedonali, jiġi imwettaq.

**Street Lighting**

Matul l-istess perjodu, jigifieri matul l-2024, il-Kunsill Lokali daħal għal spiża li tammonta għal madwar € 13,121 sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dwal tat-toroq.

Din is-sena l-kunsill lokali ħadem ma' l-istess kuntratturi tas-sena l-oħra fuq it-tizjin tad-dawl tal-Milied. Din is-sena il-Kunsill żied aktar dawl fuq is-siġra tal-Milied li intramat mill-ħaddiema tal-kunsill u l-grupp tal-crafts għat-tielet sena. Din is-siġra inxtgħelet b'attivita ħelwa fl-1 ta' Diċembru 2024 fejn kien mistieden kulħadd għal-mixgħela tas-siġra tal-Milied u dwal fit-toroq għalkemm kien il-Maltemp saru xorta xi attivitajiet ta' kant, baouncy castle, pony rides u face painting u artiġjanat sakemm it-temp ippermetta. Żdiedu aktar dwal fil-Pjazza 4 ta' Setembru sabiex din is-sena saret l-attivita Cottonera Fun Fair.

**Proġetti u Relazzjonijiet Internazzjonali**

**SERVIZZ Mingħajr Ħlas Għar-residenti - Jannar 2024 – Jannar 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Isla, ffirmaw kuntratt ma' The Notebook Centre li permezz tiegħu, ir-residenti kollha tal-Isla jistgħu jibbenefikaw minn servizzi bħal formatting, tindif ta' kompjuters u laptops, tneħħija ta' viruses u installazzjoni ta' anti-viruses minn laptops u kompjuters eċċ. Sabiex wieħed jibbenefika minn din l-iskema kull ma jrid isir huwa li wieħed iżur il-ħanut ta' The Notebook Centre li jinsab fi Triq Bella Vista, San Ġwann u jipprezenta l-karta ta' l-identita biex juri li huwa resident tal-Isla.

Sabiex inkunu nistghu noffru dan is-servizz, il-Kunsill tal-Isla ħallas 2000 ewro.

**Jum L-Isla**

**Premju Ġieħ l-Isla 2024 ingħata lis-Sur Achille Joe Casha**

BIJOGRAFIJA Achille Casha:

Bħala kuġini aħna lkoll qbilna li għandna ninnominaw lin- nannu tagħna Joe Casha. Joe Casha dejjem żamm bilanċ bejn_ħin għall-familja u ħidma għall-ġid tal-Isla. Joe minn dejjem kellu imħabba ġenwina għall-Isla - il-Belt li tant iħobb. Infatti is-sur Casha irnexxielu jnissel fit-tfal u n-neputijiet tiegħu din l-imħabba li għandu għal Beltna speċjalment fil-mibki u qatt minsi tifel tiegħu Benny Casha li kien xempju_u riżultat ta' kemm ħadem missieru ghall-Isla u li dejjem mexa fuq il-passi tiegħu. Qabel ma serva fil-kunsill għal tnejn u għoxrin sena, Joe Casha għamel ġieħ lill -Isla permezz ta' ħidma fejjieda li offra lil diversi għaqdiet sengleani. Fosthom serva bħala attivist fil-Brigata Laburista u Żgħażagħ Socjali tal -Isla mill-1963 sa 1967. Kien ukoll segretarju tas-

Senglea Athletics u president kif ukoll membru fil-Kunsill tal- M.F.A. mill 1968 sa 1988. Kien president tal- partit Laburista fl- Isla mill-1998 sal- 2002.

Għal tlieta u għoxrin sena huwa kien membru elett fil-Kunsill Lokali tal-Isla. Serva bħala kunsillier għal tliet snin,tliet snin oħra serva bħala viċi-sindku kif ukoll kien elett bħala sindku għal sbatax-il sena sħaħ.

Joe Casha kien ukoll amministratur tas-Senglea Athletics għal tlieta u tletin sena. Huwa rnexxilu jtella' lill-football Club tal-Isla mit- tielet divizjoni għall-ogħla divizjoni u waslu sal-final fl- F.A trophy ( 1981-1982) apparti dan kien ukoll benefattur kbir biex jgħin il-klabb jimxi 'l-quddiem. L-aktar ħaġa importanti għalih kienet li jgħolli l-isem tal-Isla ma' Malta kollha u jara li n-nies tal-Isla jkunu ferħana, kburin u jitpaxxew b'dak li għandhom.

Fost ħafna inizzjattivi huwa beda jorganizza it-tombla, introduca bibiti fost is-socjetajiet u introduċa festini għat-tfal ta' kull sena u attivitajiet oħra sabiex jinġabru l-fondi. Waqt li kien Sindku ħoloq diversi gemellaġġi ġewwa l-Italja fosthom ma' Cassino, Erche, Bari , Fara San Martino u L' Aquila. Kienu jorganizza ħarġiet kulturali fejn kien ikun hemm laqghat ma' sindki internazzjonali ġewwa lukandi f'Malta. Is-sur Casha għen lil studenti Sengleani jipparteċipaw f'erasmus fejn studenti barranin kienu jiġu Malta għall-esperjenza lokali u l-Maltin jagħmlu l-istess ġewwa pajjiż barrani. Kien ukoll involut mal-General Workers Union (GWU) bħala shop steward. Kien imexxi l-laqgħat għall-ħaddiema tal-union u jaħdem qatigħ biex jiġu ssalvagwarjati d-drittijiet tagħhom.

**Attivitajiet Kulturali**

**Skambju ta' Ġemelaġġ**

Il-Kunsill tal-Isla żar il-pajjiż ta' Vicovaro ġewwa l-Italja sabiex issir skambju mal-muniċipalita ta' Vicovaro. Il-Kunsill żar din il-Belt ġewwa l-Italja fejn żorna il-Munument tat- Tieni Gwerra Dinjija li bħal Belt tal-Isla sofriet fi żmien il-gwerra.

Il-kunsill tal-Isla ġie invitat għal-festival ġewwa l-Macedonia fejn iċċelebraw l-40 sena bħala muniċipalita u b'hekk il-kunsill tal-Isla qed ikompli stħariġ biex issiru proġetti u l-vantaġġi li l-belt tal-Isla tista' tikseb rigward għarfien dwar l-attivitajiet sportivi tradizzjonali rispettivi li huma pjuttost differenti li għandhom jitwettqu fis-sena 2025 bejn Malta L-Isla u L-Macedonia ( Karpos).

**CERV**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ħadet l-opportunità li tippreżenta proġett Ewropew bl-isem ta' Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV) b'kollaborazzjoni mal-Muniċipalità ta' Santa Croce Camerina, bl-appoġġ tas-SEM - Servizzi Ewropej f'Malta. L-għan ewlieni tal-proġett huwa li jippromwovi l-valuri u d-drittijiet tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li jiġu żviluppati soċjetajiet miftuħa, demokratiċi u inklużivi filwaqt li jsaħħaħ l-awtonomija taċ-ċittadini u jsaħħaħ l-ispazju Ewropew tal-ġustizzja.

Nirringrazzjaw lill-mużiċist Antonino Agnone għall-kontribut tiegħu biex jippromwovi l-Muniċipalità ta' Santa Croce Camerina bħala kandidat ideali għall-ġemellaġġ.

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Graziella Gellel iltaqgħu mal-President ta' Focus Europe, Giuseppe Cappai, u d-Direttur tagħha, Fabio Roccuzzo, li jokkupa wkoll il-kariga ta' Sindku ta' Caltagirone din il-laqgħa saret grazzi għall-medjazzjoni ta' Dr Ivana Legname responsabbli mill-iskambji kulturali u kummerċjali bejn Malta u l-Italja.

**Promoting Social Inclusion**

Il-Kunsill Lokali lesta l-ħidma kontinwa dwar il-proġett ta' *Promoting Social Inclusion in Isla* fis-sala tal-kunsill. Il-Kunsill Lokali tal-Isla akwista chair lift u kċina ġdida bl-appart li hemm bżonn sabiex issiru sezzjonijiet biex jitnaqqas il-poverta u kulħadd ikun inkluż fid-dinja tax-xogħol. Saru sezzjonijiet sabiex l-anzjani jibqgħu attivi u inklużi fis-soċjeta. Saru korsijiet kif wieħed għandu juża l-IT, qed jintużaw il-laptops li l-kunsill akkwista bil-fondi ta' Norway Grants, kif ukoll saru u qed issiru sezzjonijiet ta' kif wieħed juża l-VR. Inxtraw imwejjed u siġġijiet ġodda, kif ukoll purtieri adekwati biex id-dawl ma jtellifx meta jintużaw il-projector, l-iscreen u smart Tvs li dawn inxtraw bil-fondi tal-iskema Norveġiża li l-kunsill kien applika għalihom fl-2022.

**Erasmus +**

Bħal kull sena il-kunsill lokali tal-isla jospita grupp ta' edukaturi mill-Ewropa fejn jiltaqgħu ġewwa s-sala tal-kunsill tal-Isla għal-ġimgħa sħiħa fejn jiddiskutu l-edukazzjoni f'pajjiżżhom. Din id-darba dan il-grupp iltaqa' bejn it-13 u s-17 ta' Novembru 2024 fejn it-tema tas-suġġett kien *Facing Diversity.*

**Iż-żgħażagħ fil-kunsill tal-Isla.**

Iż-żgħażagħ huma l-preżent u l-futur tal-lokalitijiet ta' fejn jgħixu, għalhekk f'Ottubru beda jiltaqa il-kunsill tat-tfal ġewwa s-sala tal-kunsill.

**Restawr**

**Id-Daħla tal-Isla**

Kif kien ġie diskuss is-sena l-oħra ix-xogħol fuq il-Belveder u l-forti San Mikiel tlesta. Għalkemm kien hemm xi problemi ta' dawl fil-jiem tal-festa minħabba xi cables li marru dan ġie tranġat u ser jerġa jsri mill-ġdid il-pavimentar li kellu jitkisser biex issir dan il-cable fi Pjazza George Mittrovich . Il-pavimentar tal-bankina ta' faċċata tal-knijsa ( Pjazza Papa Benedittu XV) huwa lest. Ix-xogħol fuq il-Forti San Mikiel tlesta b'tali mod li hemm aċċess għall-pubbliku u għat-turisti fejn jistgħu igawdu panorama mill-isbaħ tat-tlett ibliet.

**Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv**

**Saħħa**

Fix-xhur t' Ottubru u Novembru u xhur li ġejjien qed ikun hemm sezzjonijiet għall-anzjani attivi kull nhar ta' Tnejn. F'dawn is-sezzjonijiet qed jiġu diskussi kif wieħed għandu jieħu ħsieb saħtu, fosthom il-kura tas-saqajn, il-kura tal-għajnejn, dijabete u aktar.

**Soċjali – Attivitajiet – Ħarġiet**

Il-Kunsill lokali organizza wirja fis-sala tal-kunsill għaż-żmien il-Ġimgħa l-Kbira – Ġrajjet il-Fidwa Wirja Sagra għall-Ġimgħa mqaddsa. Xogħolijiet maħduma minn diversi artisti fosthom Salvu Bonello, Alfred Magri, John Massa, Pawlu Muscat u Jeffrey Zarb. Għal ftuħ tal-Wirja attendiet għalija l-Onor. Segretarju Parlamentari is-Sinj. Alison Zerafa Civelli.

Fi żmien il-Għid il-Kunsill flimkien mal-grupp tal-crafts inawgura bajda tal-Għid u qasmu figolla kbira bl-arma tal-kunsill tal-Isla fi Pjazza 4 ta' Settembru flimkien mar-residenti u l-grupp ta' nisa li ħadmu bi ħġarhom matul is-sena biex dan il-proġett issir realta permezz il-volontarjat ta' dawn in-nisa fejn ħadmu mijiet ta' ċangaturi tas-suf bil-ġanċ sabiex għamlu bajda tal-Għid mill-isbaħ, b'kuluri tar-rebbiegħa.

Matul is-sena saru diversi Weekend Breaks u ħarġiet fejn il-pool fil-ġranet qliel tas-sajf.

Il-kunsill ħabbar li ser issiru attivitajiet għal-żmien il-Milied.

Id-dawl tal-Milied ser jinxtgħel mill-1 ta' Diċembru 2023 sas-6 ta' Jannar 2024 din is-sena għalhekk il-Kunsill din is-sena nefaq aktar fuq il-konsum tad-dawl tal-Milied. U l-applikazzjoni tad-dawl u għat-tielet sena konsekuttiva intramat is-siġra tal-Milied magħmul bil-ganċ mill-grupp tal-crafts.

Fid-19 ta' Diċembru 2024 ser issi ħarġa għal-familja kollha fin-Nigret Night Club
Fl-21 ta' Diċembru 2024 ser issir festin għall-anzjani fi sede azzjoni kattolika.
Fil-22 ta' Diċembru 2024 ser issir festin għat-tfal.

**Sports**

Fil-21 t' Ottubru l-kunsill reġgħa ikkolabora mal-assoċċjazjoni tal-Malta Seaplanes Roberts Cup 2024.

Fix-xahar t' Ottubru bdiet issir Zumba Classes mill-instractor Maroushka Falletta fejn qed tkun ta' suċċess ġewwa l-iskola pirmarja tal-Isla kull nhar ta' Tnejn fis-7pm.

Il-Kunsill qed jorganizza sessjonijiet ta' Yoga kull nhar ta' Ħamis fis-5.45 pm u nhar ta-Tlieta fid-9 :00am fis-sala tal-kunsill.

***INDOOR POOL COTTONERA SPORTS COMPLEX***

Ir-residenti Sengleani li għandhom minn 18-il sena 'l fuq, jistgħu japplikaw għall-korsijiet tal-għawm li se jibdew isiru minn Jannar 2025 nhar ta' Ġimgħa bejn l-9:45am u l-11:15am ġewwa l-Cottonera Sports Complex. L-ewwel sitt xhur tas-sessjonijiet se jkunu b'xejn. Dawn il-korsijiet qed jingħataw bil-kollaborazzjoni ta' BeActive - SportMalta . Reġistrazzjonijiet mill-Kunsill Lokali tal-Isla jagħlqu t-Tlieta 17 ta' Diċembru 2024.

**Edukattiv**

Il-Kunsill Lokali iffirma MoU bejn il-kunsilli lokali tal-Birgu, l-Isla, Bormla, u l-Kalkara flimkien mal-Fondazzjoni eSkills Malta sabiex fil-lokalita' tal-Isla jibqgħu issiru sezzjonijiet ta' E-Skills fejn fix-xhur li għaddew kienu ta' suċċess għall-istudenti tal-iskola Primarja tal-Isla u nanniet tagħħhom b'hekk kulħadd ikun inkluż fid-dinja diġitali li l-anzjani tallum qed jinstabu fiha. Itellat sezzjoni ta' Coding and Robotics b'xejn fit-12 ta' Diċembru fl-10:00am ġewwa s-sala tal-kunsill għal-istudenti kollha, ġenituri u nanniet.

Il-Kunsill lokali tal-Isla jħeġġeġ aktar studenti kemm żgħar u kbar sabiex jaqraw iktar u jmorru aktar il-librerija kemm biex jieħdu xi ktieb għall xi studju tagħhom u aktar u aktar biex inħeġġu aktar l-passatemp tal-qari. Fil-Librerija jiġu organizzati xi craft kultant żmien bħal xi okkazzjonijiet tal-Haloween jew tal-Milied jew għal-Jum L-Isla għalhekk il-kunsil iħeġġeġ biex ir-residenti jżuru aktar il-paġna tal-face book tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu aġġornati dwar dwn l-attivitajiet.

**Konklużjoni**

Is-Sena 2023 kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-isfidi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrativi, speċjalment wara li l-binja tal-ufficċini tal-kunsill qed isoffru minn ħsarat maġġuri il-kunsill lokali tal-Isla irnexxilu jġieb diversi fondi minn skemi differenti li ġew imsemmija f'dan ir-rapport. Il-Kunsill kien bil-għaqal biżżejjed fil-leġislatura li għaddiest għalhekk ser jaħseb li f'din il-leġislatura jinvesti wkoll f'garaxx sabiex iżid l-assi tal-kunsill.

Il-kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod possibli biex wettaq il-ħidma mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Nittamaw li is-sena 2025 tkun aħjar sabiex inkomplu nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin biex intejbu fuq dak li bnejna.

Infakkarkom li kull min għandu aċċess għall-internet jista jara il-laqgħa tal-kunsill onlajn minn fuq il-website tal-kunsill kif ukoll jissieħeb fuq il- paġna tal-Face Book Kunsill Lokali l-Isla għalhekk inħeġġukom biex tidħlu fiha sabiex tkunu tafu aktar bl-attivitajiet u l-avviżi li jkunu qed isiru.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita.

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv